**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru disgħa (9) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar 2020 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażgħ |
| Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**09.01 Talba**

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**09.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm.

**09.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti kienu meqjusa bħala moqrija għaliex tqassmu mal-agenda u kienu mgħoddija għall-vot billi Omar Farrugia ipproponihom u Owen Sciberras issekonda. Dawn ġew approvati u ffirmati mingħajr korrezzjonijiet.

**Punti mill-Minuti:**
Dwar il-***filtering* ta' *e-mails*** fejn kienet ittieħdet id-deċiżjoni sabiex mhux kull *e-mail* tibda' tgħaddi lil kull kunsillier speċjalment jekk ma tkunx fid-dekasteru tiegħu, Grace Marie Zerafa qalet illi kien hemm *e-mail* mid-dipartiment li kienet tgħid mod ieħor. Id-DSE se jerġa' jagħti struzzjonijiet lill-iskrivani biex jgħaddu kull *e-mail* lill-kunsillieri kollha filwaqt li se jintraċċa din l-*e-mail*.

Grace Marie Zerafa qalet illi l-KLM għandu jibqa' jirsisti dwar il-***Planning Gain*** li kien kommess li jħallas *Unique Construction* Ltd fid-dawl illi kien qed jiġi wkoll diskuss fl-aħħar tal-leġislatura preċedenti, illi jsir *barter*.

Dwar it-tender tal-GAL Xlokk bl-isem ***Green Infrastructure*** biex jitħawwlu is-siġar fis-Central Strip tal-By-Pass, intqal illi hemm bżonn nieħdu parir għaliex wara li ħriġna l-offerta pubblika għal darba, darbtejn, u ħadd ma kien interessat, se jintilfu l-fondi tal-Ewropa peress li dawn ikunu marbuta ma' *timeframe*. Għaldaqstant se nikkomunikaw mal-GAL Xlokk ħalli naraw x'hemm bżonn li jsir.

Minkejja li l-KLM informa lil G3B Ltd biex ma jiftaħx aktar il-**latrina pubblika** u se nerġgħu noħorgu t-tender, jidher illi dan xorta ma ġabx iċ-ċwievet meta kien mistenni li jiġi għaċ-ċekk fl-aħħar ta' Jannar 2020. Għaldaqstant se nċemplulhom ħalli jġibulna ċ-ċavetta u jitħallsu.

Dwar il-ħsara li hemm fil-latrina għaliex jidher li qed **jinstadd id-drenaġġ** spiss speċjalment meta jkun hemm ħafna nies jinqdew, il-KLM se jappunta lil Dr Dean Hili biex ikun diskuss dan kollu mal-Perit Audrey Attard li Grace Marie Zerafa qalet illi kienet qed tissorvelja dawn ix-xogħlijiet.

Is-Sindku qal illi hemm bżonn illi jinbidlu l-cameras tas-**CCTV tal-ġonna**. Hu żied jgħid illi dwar dan se jkun hemm ċans illi l-KLM jibbenefika minn refużjoni mir-Reġjun Tramuntana. Is-Sindku qal illi fil-ġonna għandna problema ta' sigurta minħabba d-droga. Il-ġonna li se jitwaħħlu fihom is-cctv's fihom huma Onġi Onġella, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Tfal ir-Raħal u quddiem il-Kunsill viċin l-iskola.

F'dan il-punt Jonathan Dingli qal illi għandna wkoll ninstallaw is-***CCTV cameras*** **f'postijiet li qed jintefa' l-iskart** fihom bħal Sqaq Buħar li ħadd ma jista' jsib tarf ta' dan l-abbuż. Dwar dan il-post intqal illi trid issir it-triq bl-asfalt u jinqata' l-ħaxix kollu ta' max-xibka tar-*runway* tal-Ajruport. Dwar l-asfaltar tal-isqaq se ssir talba lill-Infrastruttura Malta u se nfakkruhom ukoll fil-bżonn li tkun asfaltata għall-ewwel darba Triq George Martin.

Is-Sindku nforma lill-kunsillieri illi s-SE issottometta l-applikazzjoni mar-Reġjun Nofsinhar biex fid-9 ta' Mejju l-Imqabba tospita **Festa Nar.**

Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi fil-**kampanja tal-Istrina** irnexxielna niġbru mill-Imqabba 52 kilo ta' tappijiet tal-plastik.

Grace Marie Zerafa qalet illi hemm bżonn li nitolbu lid-Dipartiment tas-Sanita' sabiex jitfa' l-**valenu tal-ġrieden** fi Triq Valletta.

Grace Marie Zerafa qalet illi mhux sew illi Greenpak qabdu u neħħew il-kontenituri iż-żgħar tal-***bring-in-site*** minn quddiem l-iskola fi Triq Valletta għaliex l-**i bins** ma jistgħux jitpoġġew minn flokhom peress li l-bankina ma tippermettix. Se nerġgħu nagħmlu kuntatt biex isir appuntament ma' Daniel Tabone ta' Greenpak.

Grace Marie Zerafa wara li kienet issuġġeriet illi jsir **Buffet Breakfast** fil-25 ta' Frar, 2020, issuġġeriet ukoll illi l-KLM jorganizza ***High Tea*** f'Jum il-Mara nhar it-8 ta' Marzu u **Party tal-Karnival** nhar l-24 ta' Frar fil-5.30pm. Hija issuġġeriet illi f'dan il-party it-tfal jingħataw rigal żgħir. Il-KLM qabel ma dawn il-proposti.

Grace Marie Zerafa ipproponiet illi ssir **ħarġa għal Sqallija** bil-Catamaran nhar is-6 ta' Ġunju. Hija qalet illi din se ssir permezz ta' *Joe Micallef Travel* għal prezz ta' Eur155 għal kbar u Eur72 għat-tfal, inkluż il-vjaġġ, it-taxxi u t-*tour leader*. Din il-mawra se ssir f'Siracusa, Ortigia, Happy Walk, u Centro Sicilia.

Grace Marie Zerafa talbet tagħrif dwar il-każ li kien qed jistema' quddiem il-**Bord ta' Governanza**. Id-DSE qal illi dan kien ingħalaq u kien iċċirkulata id-deċiżjoni ta' dan il-bord mal-kunsillieri.

Jonathan Dingli qal illi l-**iskart li qed jintefa' fejn iċ-ċimiterju** għandu jkun indirizzat u l-Lesa għandha tressaq lil min qed jarmi. Is-Sindku qabel miegħu u qal li se jkellem personalment lill-uffiċjal tal-Lesa ħalli nagħmlu *follow up* ta' dan kollu. Jonathan Dingli qal illi t-tabella ta' fejn il-*bring in sites* iċċarat u trid tinbidel.

Jonathan Dingli qal illi hemm bżonn li ssir **lampa ġdida fi Triq il-Barrieri** kantuniera ma' Triq il-Ħarriġiet. Din se titwaħħal mil-kuntrattur tal-KLM.

Jonathan Dingli qal illi fil-**By-Pass**, propju fis-sevice road iffurmat qisha **tarġa** waqt ix-xogħlijiet. Dwar dan is-Sindku wieġeb illi din ir-rampa se titneħħa.

Jonathan Dingli talab update tat-talba tal-**bus shelter fi Triq il-Madonna tal-Ġilju.** Dwar dan se nikkomunikaw mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali filwaqt li saret referenza għat-tinda ta' protezzjoni flok *bus shelter* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju.

Jonathan Dingli semma' l-problema tal-**ħamiem selvaġġ** li qed initten ir-raħal. Hu qal illi anke fejn sar riċentement ir-restawr fuq statwa tal-ġebel fuq faċċata ta' residenza, reġa' tfaċċa ħafna ħmieġ minħabba dan il-ħamiem. Is-Sindku talab suġġeriment dwar x'jista' jsir iżda ma kienx hemm.

Dwar ir-**restawr tan-niċċa** li tinsab fuq il-faċċata ta' residenza fi Triq Santa Katerina il-KLM iddeċieda li nipposponuha għal wara l-festi minħabba t-traffiku li se tkun qed tieħu din it-triq waqt il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja. Dwar ir-**restawr tal-Knisja ta' Santa Katerina**, Jonathan Dingli qal illi hemm bżonn illi waqt ir-restawr terġa' titpoġġa l-qanpiena li tneħħiet u li tinsab fil-Mużew tal-Bniet tal-istess kappella.

Jonathan Dingli semma' l-bżonn li jitwaħħlu wkoll **lampi ġodda fil-limiti tar-Robba**, fit-triq li tidħol għaliha minn Triq Valletta l-Qadima għal mar-Runway. Dwar dan id-DSE qal illi m'hemmx linji tal-gvern u minħabba li hemmhekk ODZ se jitolbuna li nagħmlu trinka.

Jonathan Dingli saħaq biex isir l-**infurzar dwar it-traffiku fejn il-Mużew tas-Subien** biex ma jitħallewx jidħlu karozzi bit-tfal. Kien hemm suġġeriment li titpoġġa bollard biex tingħalaq it-triq fiżikament. Grace Marie Zerafa qalet illi dan il-punt tqajjem f'leġislaturi preċedenti iżda s-Superjur ma kienx ried jerfa' r-responsabbilita'. Il-KLM iddeċieda li jkun hemm tentattiv ieħor.

Jonathan Dingli staqsa dwar it-**toqob tal-armar** tal-festa fil-by-pass. Dwar dan is-Sindku qal illi huma parti mill-proġett.

Owen Sciberras qal illi fi **Sqaq l-Isptar** fejn il-*Maypole* twaħħlet it-tabella tal-***one-way*** u hemm min qed jissuġġerixxi illi titpoġġa bollard minn individwu li lest li jimmaniġġjaha hu stess. Il-kunsillieri l-oħra ma qablux dwar dan.

Owen Sciberras saħaq fuq il-**preżenza tal-Pulizija** waqt il-ħin tal-Iskola. Hu qal illi dawn jew ma jiġux jew inkella ma jkunx ħsiebhom hemm u kulħadd jagħmel li jrid.

Owen Sciberras qal illi ma jagħġmilx sens illi jsir proġett bħal dan fil-**by-pass** u l-**katusi tad-drenaġġ** mid-djar għal barra jibqgħu tal-asbestos u ma jinbidlux ukoll għal dawk ġodda tal-plastik. Dan is-suġġeriment se jkun ikkomunikat mal-Perit li qed jieħu ħsieb ix-xogħlijiet.

Owen Sciberras qal ukoll illi bħal issa qed **jinżlu kontra l-*one-way***, diversi vetturi minn Triq id-Duluri 'l isfel – xi ħaġa li għandha tiġi indirizzata.

Owen Sciberras qal illi jidher li hemm **problema bl-iskart tal-forn (irmied) ta' Triq id-Duluri.** Dan irid jinġabar bħala *bulky refuse* għax ma jistax jitqies bħala organiku. Barra minn hekk dan hu skart industrijali. Hemm diffikulta' ukoll bil-kartun għax il-kollettur mhux qed jiġbor kullimkien minn tal-ħwienet. Owen Sciberras qal illi ma tistax issir deskriminazzjoni.

Henry Zaffarese qal illi mar il-***public hearing*** tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-iżvilupp f'Xagħri Mqalleb il-ġimgħa li għaddiet u tgħidx kemm ġerrewh minn hemm għal hawn. Issa se jkun deċiż il-każ waqt laqgħa oħra nhar it-13 ta' Frar fl-10.00am fejn il-KLM se jkun rappreżentat minn Omar Farrugia.

**09.04 L-Approvazzjoni tat-Tieni *draft* tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020 u l-Business Plan 2020-2022**

Kienu approvati il-budget 2020 u l-Business Plan 2020-2022 kif kienu ppreżentati fil-laqgħat preċedenti suġġett għal xi reviżjonijiet żgħar li jista' jkollu l-accountant tal-Kunsill.

**09.05 Xogħlijiet tal-Pjazza tal-Knisja mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku qal illi dwar ix-xogħlijiet tal-Pjazza tal-Knisja kienet stabbilita **d-data tat-tmiem tal-proġett** li hija it-8 ta' Mejju 2020. Sadanittant, intqal illi hemm diffikulta' bit-trasport pubbliku għaliex in-nies mhux jaraw ix-xogħol isir u diversi toroq ingħalqu għat-trasport pubbliku. Dwar dan is-Sindku qal illi se niċċirkulaw ittra mar-raħal kollu dwar l-għeluq tal-Pjazza biex kulħadd ikun jaf bid-*diversions.* Draft ta' din l-ittra inqrat waqt is-seduta mis-Sindku.

Kunsillier staqsa jekk minn **Triq id-Duluri** hux se jkun hemm aċċess għal persuni bil-mixi u *wheel chairs.* Is-Sindku qal illi filwaqt li din se tkun magħluqa għat-traffiku, din se tibqa' aċċessibbli għal persuni bil-*wheel chair* jew bil-mixi.

Jonathan Dingli staqsa rigward il-***pedestrian zone*** jew aħjar il-madum tal-Pjazza. Is-SE ta kopja ta' sketch li kienu pprovdewlna l-MTIP ftit tas-snin ilu. Madankollu l-pjanti finali mhux f'idejna.

Kien hemm mistoqsija dwar il-**proġett tal-by-pass.** Hawn intqal illi it-trinka tan-nofs li taqsam il-by-pass minn tarf sa ieħor hija waħda privata. Din infatti saret biex takkomoda lill-iżviluppatur ta' Xagħri Mqalleb li għatta l-istess barriera mirduma bis-*solar panels*. Infatti is-Sindku qal illi kien hemm xi diffikulta' min se jħallas u issa ġiet riżolta. Infatti issa bdew il-bankini tal-by-pass u l-fatt li se tidjieq it-triq se jkun deterrent għall-*overspeeding.* Ix-xogħol se jkun lest sat-22 ta' Mejju għall-*International Fireworks Festival.*

**09.06 Performance Bonus tal-Uffiċjal Eżekuttiv u l-Iskrivana**

Il-KLM ikkunsidra l-***Performance Bonus*** tal-Uffiċjal Eżekuttiv u l-Iskrivana għas-sena 2019. Is-SE qal illi jirrakkomanda li dan jieħduh sħiħ, jiġifieri 6% għal dawn ir-raġunijiet. L-Uffiċjal Eżekuttiv qed tagħmel xogħol imprezzabbli fl-assenza ta' Segretarju Eżekuttiv *full time*. L-iskrivana integrat fis-sistema Muniċipali qabel ma kien mistenni minkejja l-ftit *coaching* li ingħatata u qed tagħmel xogħol tajjeb ħafna. Omar Farrugia ippropona l-performance bonus sħiħ u Henry Zaffarese issekonda u dan għadda unanimament

**09.07 Ħruġ ta' Offerta Pubblika tal-Ġonna u l-evalwazzjoni tal-Offerti tal-Perit u tal-Contract Manager**

Peress li l-*Environment Landscapes Consortium* abbandunaw il-kuntratt, il-KLM iddeċieda illi se noħorġu l-kuntratt tal-ġonna. Għal dan il-għan se jkun ippreparat it-***tender document.***

Il-Kunsill b'mod unanimu laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni u aċċetta ir-rakkomandazzjonijiet tal-offerta pubblika tal-**Contract Manager u tal-Perit**. Il-KLM se jmexxi bl-*awarding* tal-kuntratti.

**09.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 571**

Kienet approvata l-Payment approval Sheet numru 571 u l-KLM se jirrevedi l-ħlas ta' Giulio Falzon li kien inkarigat bil-ftuħ tas-sala fil-party tat-tfal tal-Milied għaliex rah għoli wisq.

**09.09 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss**

Il-KLM se jiltaqa' nhar il-5 ta' Marzu fis-6.00pm filwaqt li din il-laqgħa spiċċat fit-20.40pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 5.3.2020 minn Omar Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku